MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Rikors Numru. 20/2010

**James Broome (Passaport Ingliz Nru. 202984830)**

**Vs**

**Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn James Broome fis-27 ta' Lulju 2010, permezz ta' liema jitlob li dan it-Tribunal: (i) iwarrab id-decizjoni tal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment tas-6 ta' Lulju 2010 stante li l-istess decizjoni kienet ibbazata unikament fuq fatt zbaljat; (ii) jirrivedi l-istess decizjoni billi jilqa' l-applikazzjoni tieghu ghall-ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura Vauxhall Zafira bin-Numru ta' Registrazzjoni Ingliz CU02 GXV di proprjetà tieghu, bl-ispejjez kontra l-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment;

Ra id-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati bhala Dok. "A" sa' Dok. "F" a fol. 4 sa' fol. 15 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment ipprezentata fit-18 ta' Awissu 2010, permezz ta' liema jopponi ghat-talbiet tar-Rikorrenti u jitlob li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, ghaliex huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li mill-provi prodotti lill-Ministeru, ir-Rikorrenti ma jissodisfax il-kriterji elenkati taht l-Artikolu 19 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 4 tal-Ligi Sussidjarja 368.01;

Sema' ix-xhieda tar-Rikorrenti moghtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2011[1] u ra id-dokumenti esebiti minnu u markati Dok. "JB1" sa' Dok. "JB4" a fol. 23 sa' 31 tal-process, u sema' ix-xhieda ta' Fiona Broome Camilleri[2] u ta' Anton Camilleri[3] moghtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2011. Sema' x-xhieda moghtija minn Harold Bonnici moghtija waqt is-seduta tas-26 ta' Marzu 2011[4];

Sema' t-trattazzjoni tal-kawza da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Ra l-atti processwali l-ohra kollha;

**Ikkunsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti qed jappella mid-decizjoni tal-Ministeru Intimat datata 6 ta' Lulju 2010[5] permezz ta' liema giet rifjutata t-talba tieghu ghall-ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura Vauxhall Zafira bin-Numru tar-Registrazzjoni Ingliz CU02 GXV, di proprjetà tieghu. Minn din id-decizjoni jirrizulta li t-talba tar-Rikorrenti giet rifjutata in bazi ghar-raguni li *the vehicle has not been in your possession for at least 24 months prior to your declared date of taking up residence in Malta, i.e. prior to 5th May 2010, Regulation 4(1)(b) of Legal Notice 196/2009*. Ir-Rikorrenti jikkontendi però li t-talba tieghu kellha tigi milqugha ghaliex in verità hu, flimkien mal-familja tieghu, ha r-residenza f'Malta fil-5 ta'

---

1 Fol. 34 sa' 35 tal-process.
2 Fol. 36 tal-process.
3 Fol. 37 tal-process.
4 Fol. 44 sa' 46 tal-process.
5 Dok. "A" a fol. 4 tal-process.

Gunju 2010 u mhux kif minnu erronejament indikat fl-applikazzjoni ghall-ezenzjoni, fil-5 ta' Mejju 2010.

Fir-Rikors promotur ir-Rikorrenti jesponi l-aggravju tieghu bil-mod segwenti: *l-appellant hassu aggravat minn din id-decizjoni tal-Ministeru peress illi l-istess decizjoni kienet ibbazata unikament fuq informazzjoni zbaljata dwar il-fatti u ghalhekk qieghed jappella mill-istess decizjoni. Illi effettivament ir-rikorrenti ma setghax ha r-residenza tieghu Malta qabel il-5 ta' Gunju 2010 u dan jidher car mill-ftehim ta' kera hawn anness bhala Dok. F. Infatti jirrizulta minn dan id-dokument li l-proprjetà li fiha r-rikorrent u l-familja tieghu kellhom jiehdu ir-residenza taghhom Malta u li fil-fatt illum jirrisjedu fiha, u cioè Daffodil Court, Block C, Flat 5, Triq San Gorg, Sta. Venera, kienet ghadha mikrija lil terzi sa' l-4 ta' Gunju 2010 u ghalhekk ir-rikorrenti ma setghax ha r-residenza tieghu fil-5 ta' Mejju 2010. Ghandu jigi rilevat li Anton Camilleri, li huwa indikat bhala sid il-kera fl-istess ftehim huwa missier Fiona Broome Camilleri, mart ir-rikorrent*. *Illi l-proprjetà li fiha kienu jirrisjedu r-rikorrent u l-familja tieghu gewwa l-Ingilterra ghadha sa' llum proprjetà taghhom. Illi in oltre u fi kwalunkwe kaz, il-vettura in kwistjoni waslet Malta fid-29 ta' Mejju 2010 u cioè wara li kienu ghaddew erbgha u ghoxrin xahar minn meta giet akkwistata. Illi ghalhekk m'huwiex minnu li l-vettura ma kienetx ilha fil-pussess tar-rikorrenti ghal ta' l-inqas erbgha u ghoxrin xahar qabel id-data li fiha ha r-residenza tieghu Malta, kif indikat fid-decizjoni tal-Ministeru intimat, u konsegwentement ir-raguni li ghaliha l-applikazzjoni tar-rikorrenti giet rifjutata ma tissussistix*.

Biex jissosstanzja dak minnu affermat u konsegwentement pretiz, ir-Rikorrenti xehed waqt is-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2011 u esebixxa serie ta' dokumenti kemm mar-Rikors promotur kif ukoll waqt l-imsemmija seduta ta' l-1 ta' Marzu 2011, fosthom fattura u ricevuta relattiva mahruga mir-Rokna Hotel ghall-akkomodazzjoni tieghu u tal-familja tieghu f'din il-lukanda bejn il-15 ta' Mejju 2010 u l-5 ta' Gunju 2010[6], u ftehim ta'

[6] Dok. "JB1" a fol. 23 sa' 25 tal-process.

lokazzjoni pertinenti ghall fond Flat 5, Daffodil Court, Block C, Triq San Gorg, Santa Venera, il-fond residenzjali tieghu u tal-familja tieghu, li kellu jiskadi fil-5 ta’ Gunju 2010[7]. In oltre huwa ressaq bhala xhieda lill-martu Fiona Broome Camilleri u lil Anton Camilleri, missier il-mara tieghu, li fis-sustanza entrambe kkonfermaw illi ghalkemm ir-Rikorrenti u l-familja tieghu waslu Malta fil-15 ta’ Mejju 2010, huma effettivament dahlu jghixu fir-residenza taghhom biss fil-5 ta’ Gunju 2010.

Huwa ben evidenti li r-Rikorrenti jippretendi li ghall-finijiet ta’ l-Artikolu 19(3) tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta’ Malta u tar-Regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01, id-data tat-trasferiment tar-residenza tieghu hawn Malta ghandha tkun il-5 ta’ Gunju 2010, u cioè dakinhar li hu, flimkien mal-familja tieghu, seta’ jabita fil-fond residenzjali taghhom.

Il-Ministeru Intimat ma jaqbilx ma’ dak affermat u konsegwentement pretiz mir-Rikorrenti u biex jissosstanzja l-opposizzjoni tieghu ressaq bhala xhud lil Harold Bonnici, ic-Chairperson attwali tal-Bord fi hdan il-Ministeru Intimat li jittratta applikazzjonijiet ghall-ezenzjoni mill-hlas ta’ taxxa ta’ registrazzjoni fuq il-vetturi.

Harold Bonnici xehed illi *jirrizulta d-data meta s-sur Broome beda jirrisjedi hawn Malta kienet fil-15 ta’ Mejju 2011, filwaqt li l-vettura li saret l-applikazzjoni dwarha giet akkiwistata fil-25 ta’ Mejju 2008. Irrid niccara illi mill-applikazzjoni li ghamel ir-rikorrent jirrizulta illi huwa wasal Malta fil-15 ta’ Mejju 2010, madanakollu minn dokumentazzjoni ohra li giet sottomessa hu ha r-residenza tieghu hawn Malta fil-15 ta’ Mejju 2011. Jidher li fil-frattemp, ir-rikorrent ghamel xi perjodu jghix go hotel. L-applikazzjoni mir-rikorrent saret fit-22 ta’ Marzu 2010. Fuq dik l-applikazzjoni ma kienx iddikjara d-data meta ha r-residenza tieghu hawnhekk. Li kien hemm imnizzel kienet id-date of arrival tieghu hawn Malta u din kienet indikata l-15 ta’ Mejju 2010. La darba l-applikazzjoni giet sottomessa qabel id-date of arrival tar-rikorrent, dik*

[7] Dok. “F” a fol. 13 sa’ 15 tal-process.

*ghandha titiehed bhala l-expected date of arrival hawn Malta. Iddikjara wkoll illi l-vettura in kwistjoni kienet ilha fil-pussess tieghu mill-25 ta' Mejju 2008. Ghandna diversi dokumentazzjoni sottomessa mir-rikorrent stess li juru bic-car li sa' Frar 2010 huwa kien ghadu jghix l-Ingilterra. Fl-4 ta' Mejju 2010 il-bord kien talab lir-rikorrent jaghti d-data meta ha r-residenza tieghu hawn Malta, jipprovdi prova meta akkwista il-proprjeta' tieghu hawn Malta kif ukoll il-prova tat-trasferiment tal-vettura mill-Ingilterra ghal Malta. Fir-risposti tieghu, ir-rikorrent kien qalilna li kien itrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta fil-5 ta' Mejju 2010 u li kienet giet akkwistata proprjeta' hawn Malta fid-29 ta' Mejju 2002. Il-proprjeta' in kwistjoni kienet: Daffodil Court, Block C, Flat, 5, Triq San Gorg, Santa Venera li fil-fatt huwa l-istess indirizz li tana r-rikorrent bhala l-post tar-residenza tieghu hawnhekk. Bhala prova ulterjuri tar-residenza tieghu hawn Malta, ir-rikorrent ipprovdielna biljett tal-ajru tar-Ryan Air tat-12 ta' Mejju 2010 kif ukoll prova li huwa lettur mal-kamra tad-deputati datata 21 ta' Mejju 2010. Fit-8 ta' Lulju 2010, ir-rikorrent kiteb lill-bord fejn avzah li kien ha zball bid-data tat-trasferiment u din kellha tkun 5 ta' Gunju 2010 u mhux 5 ta' Mejju 2010. Hu kien spjegalna li kien ha zball f'din id-data ghaliex sakemm waslu l-affarijiet tieghu u tal-mara tieghu hawn Malta, kien ha l-parir ta' missier il-mara li jigi Antoine Camilleri u kienu qed jirrisjedu fir-Rokna Hotel. Il-lukanda kienet ir-Rokna Hotel li kienet il-lukanda ta' missier il-mara tieghu. Nispjega li fil-fatt missier il-mara tieghu huwa wiehed mis-sidien tal-lukanda. Ipprovdielna wkoll kont mahrug mil-lukanda li huwa irrisjeda f'din il-lukanda bejn il-15 ta' Mejju 2010 u l-5 ta' Gunju 2010, madanakollu dan il-kont ma jgibx data. Ipprezenta wkoll ircevuta ghall-hlas tal-stay fil-lukanda pero' din l-ircevuta ma ggibx data. Hemm ukoll ircevuta fiskali ghal dan il-hlas izda din l-ircevuta wkoll m'ghandha ebda data*[8].

Minn din ix-xhieda jirrizulta immedjatament evidenti li l-Ministeru Intimat qieghed f'dan l-istadju jressaq konsiderazzjoni ulterjuri ghal dik fuq liema giet ibbazata d-decizjoni tas-6 ta' Lulju 2010, ghalfejn l-applikazzjoni tar-

[8] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-26 ta' Settembru 2011, fol 44 u 45 tal-process.

Rikorrenti ghall-ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi tieghu ghandha tigi michuda. In effetti ghalkemm fis-sustanza jibqa' li r-Rikorrenti ma jissodisfax ir-rekwizit tar-Regolament 4(b) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 – u cioè r-rekwizit li *l-vettura bil-mutur tkun ilha fil-pussess taghha u tkun ilha tuzaha barra minn Malta ghal tal-anqas erbgha u ghoxrin xahar qabel id-data li fiha hu ma baqax ikollu r-residenza tieghu barra minn Malta* – ir-raguni issa moghtija ghalfejn ir-Rikorrenti ma jissodisfax dan ir-rekwizit ma ghadhiex dik moghtija fid-decizjoni tas-6 ta' Lulju 2010 – ossia *that the vehicle has not been in your possession for at least 24 months prior to your declared date of taking up residence in Malta,* ***i.e. prior to 5th May 2010***[9]*,* izda ghaliex issa jirrizulta li r-Rikorrenti effettivament ittrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta **fil-15 ta' Mejju 2011**, addirittura ferm wara l-wasla tal-vettura in kwistjoni hawn Malta fid-29 ta' Mejju 2010.

Fejn fiz-zmien tad-decizjoni – li jigi puntwalizzat iggib id-data tas-**6 ta' Lulju 2010** – il-Ministeru intimat kjarament strah fuq id-*date of taking up residence in Malta* indikata mir-Rikorrenti fl-applikazzjoni tieghu u ghamel il-konsiderazzjonijiet opportuni a bazi ta' dik l-informazzjoni, illum jidher li ma ghadux qed jaccetta dik id-data bhala d-data effettiva *of taking up of residence in Malta* da parte tar-Rikorrenti, izda jqis li r-Rikorrenti ttrasferixxa r-residenza tieghu ghal Malta ferm wara dik id-data kif ukoll ferm wara l-5 ta' Gunju 2010.

It-Tribunal hu tal-fehma li ma ghandux u ma jistax jiehu konjizzjoni ta' din il-konsiderazzjoni ulterjuri fuq liema l-Ministeru intimat jibbaza kemm il-posizzjoni tieghu vis-à-vis it-talba tar-Rikorrenti ghall-ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura Vauxhall Zafira bin-Numru tar-Registrazzjoni Ingliz CU02 GXV kif ukoll l-opposizzjoni tieghu l-appell in ezami, ghaliex altrimenti jkun qed imur kontra l-principji tal-gustizzja naturali ferm fondamentali fid-dritt amministrattiv.

---

9 Enfasi tat-Tribunal.

Huwa evidenti li l-Ministeru intimat wasal ghal din il-konsiderazzjoni ulterjuri wara li nghatat id-decizjoni fis-6 ta' Lulju 2010, ghaliex fiz-zmien tad-decizjoni zgur ma setax jikkonsidra li r-Rikorrenti ttrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta fil-15 ta' Mejju 2011. In oltre l-Ministeru intimat gab din il-konsiderazzjoni ulterjuri a konjizzjoni tar-Rikorrenti wara li l-istess Rikorrenti kien ghalaq l-istadju tal-provi tieghu. Dan ifisser illi r-Rikorrenti ma nghatax l-opportunità – la qabel u lanqas waqt dawn il-proceduri – li jirribatti l-konsiderazzjoni ulterjuri fuq liema l-Ministeru intimat issa jikkontendi li t-talba tieghu ghall-ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura in kwistjoni ghandha tigi michuda. Kemm-il darba t-Tribunal kellu jichad l-appell tar-Rikorrenti in bazi ghal din il-konsiderazzjoni ulterjuri avvanzata mill-Ministeru intimat ikun effettivament qed imur kontra l-principju ta' mgiba amministrattiva tajba li huwa obbligat li jhares bis-sahha ta' l-Artikolu 3 u l-Artikolu 6 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, li jirrispetta *d-dritt tal-partijiet li jinghataw smigh xieraq, inkluzi l-principji tal-gustizzja naturali, jigifieri: (i) nemo judex in causa sua, u (ii) audi et alteram partem*.

It-Tribunal josserva ulterjorment li l-Ministeru intimat, li finalment jaghti d-decizjoni dwar jekk talba ghall-ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi ghandhiex tigi milqugha o meno, huwa marbut li josserva u jirrispetta l-principji tal-gustizzja naturali ferm fondamentli fid-dritt amministrattiv. B'hekk ma jistax jippretendi li fi proceduri ghar-revizjoni ta' decizjoni li jkun ta, jiddefendi d-decizjoni tieghu in bazi ghal konsiderazzjoni li kjarament ma kenitx tifforma l-mertu u wisq inqas il-bazi tad-decizjoni attakkata u li lanqas kienet ingabet a konjizzjoni ta' l-applikant.

Konferma ta' din l-osservazzjoni tinsab fil-principji li jirregolaw id-dritt amministrattiv Ingliz fejn maz-zmien gie zviluppat il-kuncett, illum ormai principju guridiku assodat li, *bodies entrusted with legal power could not validly exercise it without first hearing the person who was going to suffer. This principle was applied very widely to administrative as well as to judicial acts, and to the acts of individual ministers and officials as well as to the acts of collective bodies such as justices and committees. Even*

*where an order or determination is unchallengeable as regards its substance, the court can at least control the preliminary procedure so as to require fair consideration of both sides of the case. Thus the law makes its contribution to good administration* – **Administrative Law**, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, Kap. 14 pagna 402.

Fl-istess imsemmi ktieb[10] issir referenza ghal decizjoni tal-*Privy Council* – A.G. v. Ryan [1980] AC 718 – fejn inghad li *the Minister was a person having legal authority to determine a question affecting the rights of individuals. This being so it is a necessary implication that he is required to observe the principles of natural justice when exercising that authority; and if he fails to do so, his purported decision is a nullity,* u ghad-decizjoni O'Reilly v. Mackman [1983] 2 AC 237 fejn *Lord Diplock said in the House of Lords that the right of a man to be given 'a fair opportunity of hearing what is alleged against him and of presenting his own case is so fundamental to any civilized legal system that it is to be presumed that Parliament intended that a failure to observe it should render null and void any decision reached in breach of this requirement*.

Il-fatt li l-konsiderazzjoni ulterjuri issa avvanzata mill-Ministeru intimat ma tbiddilx is-sustanza tad-decizjoni tas-6 ta' Lulju 2010, ghaliex in bazi ghal tali konsiderazzjoni r-Rikorrenti xorta jidher li ma jissodisfax ir-rekwizit stipulat fir-Regolament 4(b) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01, ma jippermettix lill-Ministeru intimat li jiddipartixxi mill-principji tal-gustizzja naturali. Kif inghad fis-sentenza General Medical Council v. Spackman [1943] AC 627 *if the principles of natural justice are violated in respect of any decision it is, indeed, immaterial whether the same decision would have been arrived at in the absence of the departure from the essential principles of justice. The decision must be declared to be no decision*[11].

---

[10] Pagna 415.
[11] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, Kap. 14 pagna 422.

Madanakollu però il-Ministeru intimat ma bbazax l-opposizzjoni tieghu ghall-appell tar-Rikorrenti biss fuq il-konsiderazzjoni ulterjuri li skond hu xorta twassal ghac-cahda ta' l-appell u konsegwentement tat-talba ghall-ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura in kwistjoni, izda jikkontendi wkoll li: (i) il-provi mressqa mir-Rikorrenti biex jipprova li hu ttrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta fil-5 ta' Gunju 2010 u mhux fil-5 ta' Mejju 2010, partikolarment il-fattura u ricevuta fiskali relattiva mahruga mir-Rokna Hotel, ma humiex sodisfacneti; u (ii) fi kwalunkwe kaz ghall-finijiet ta' l-Artikolu 19(3) tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-Regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01, it-trasferiment ta' residenza minn pajjiz iehor ghal Malta ma huwiex marbut ma' meta l-applikant jidhol jabita fid-dar residenzjali tieghu hawn Malta, izda ma' l-intenzjoni li jittrasferixxi r-residenza abitwali tieghu f'Malta, liema intenzjoni tista' tigi manifestata b'diversi atti esterni li ma humiex necessarjament id-dhul fid-dar residenzjali.

Ai termini ta' l-Artikolu 19(3) tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta persuna tista' tigi ezentata mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi *inter alia* meta l-vettura *tkun proprjetà ta' individwu privat u tingieb permanentement f'Malta dinn dak l-individwu meta dan jittrasferixxi ir-residenza tieghu minn post barra minn Malta ghal post f'Malta: Izda l-vettura trid tkun ilha registrata f'isem dik il-persuna jew f'isem il-konjugi ghal mill-inqas erbgha u ghoxrin xahar konsekuttivi fil-hin tat-trasferiment tar-residenza lejna Malta*[12] *u dik il-persuna tkun ilha toqghod barra minn Malta ghal perijodu kontinwu ta' mill-inqas erbgha u ghoxrin xahar fil-hin tat-trasferiment tar-residenza lejn Malta: Izda wkoll meta vettura bil-mutur tingieb jew tigi impurtata f'Malta mhux aktar minn sitt xhur qabel il-hin tat-trasferiment tar-residenza mill-persuna li tkun qieghda tittrasferixxi r-residenza, dik il-vettura tikkwalifika ghall-ezenzjoni jekk l-imsemmija vettura u l-persuna li tkun qed tittrasferixxi r-residenza taghha jissodisfaw il-kondizzjonijiet preskritti f'regolamenti li jsiru taht dan l-Att: Izda wkoll dik il-persuna ma tridx tkun*

[12] Sottolinear tat-Tribunal.

*inghatat ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni fir-rigward ta' vettura bil-mutur ohra fit-tmien snin ta' qabel.* Fis-subartikolu (5) l-imsemmi Artikolu 19 ulterjorment jipprovdi li *l-ezenzjonijiet taht is-subartikolu (3) ghandhom jinghataw taht dawk il-kondizzjonijiet kif il-Ministru jista' jispecifika b'regolamenti*.

A tenur tar-Regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 (Regoli Dwar Ezenzjoni mit-Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur) *l-ezenzjoni taht l-artikolu 19(3)(i) ta' l-Att tinghata lil vettura bil-mutur li tkun proprjetà ta' individwu privat u tkun qed tigi impurata jew tkun qed tingieb b'mod permanenti f'Malta mill-individwu meta jkun qed jittrasferixxi r-residenza tieghu minn post barra minn Malta ghal post f'Malta: Izda (a) dik il-persuna trid tkun ilha tghix barra minn Malta ghal perijodu kontinwu ta' aktar minn erbgha u ghoxrin xahar qabel it-trasferiment tar-residenza taghha lejn Malta; (b) il-vettura bil-mutur tkun ilha fil-pussess taghha u tkun ilha tuzaha barra minn Malta ghal tal-anqas erbgha u ghoxrin xahar qabel id-data li fiha hu ma baqax ikollu r-residenza tieghu barra minn Malta[13]; (c) tkun registrata f'isimha jew f'isem wahda jew wiehed mill-konjugi fejn dan ikun japplika; (d) dik il-persuna jkollha licenza tas-sewqan valida; (e) il-vettura tkun trid tigi impurtata jew migjuba f'Malta fi zmien tnax-il xahar minn meta l-individwu jittrasferixxi r-residenza tieghu; (f) il-vettura ma tkunx tista' tinbiegh, tinghata lil xi hadd, tintrema, tinkera jew tigi mislufa wara li l-vettura tigi impurata jew imdahhla f'Malta sakemm ma tithallasx fuqha t-taxxa ta' registrazzjoni relatata ma' dik l-ezenzjoni skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ewwel u t-Tieni Skeda li jinsabu ma' l-Att.*

A tenur tar-Regolament 2 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 "trasferiment ta' residenza" jfisser *it-trasferiment attwali tar-residenza abitwali ta' persuna ghall-post il-gdid li jkun jidher li jkun dak li fih tkun allokat mill-gdid. Il-fatt li persuna tkun giet f'Malta biex twettaq xoghol specifiku ta' tul definit m'ghandux jinftiehem li dik il-persuna tkun trasferiet ir-residenza taghha f'Malta* u "residenza abitwali"

[13] Sottolinear tat-Tribunal.

tfisser *il-post fejn il-persuna koncernata tkun stabbiliet, u jkollha l-hsieb li zzomm, ic-centru permanenti jew abitwali ta' l-interessi taghha. Il-kiri ta' appartament ghal perijodu ta' anqas minn sena ma jkunx jaghti prova sufficjenti tat-trasferiment tar-residenza abitwali*.

Minn dawn id-disposizzjonijiet tal-Ligi u in partikolari mit-tifsira ta' "trasferiment ta' residenza" u ta' "residenza abitwali" fir-Regolament 2 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 386.01 u mir-rekwiziti stipulati fir-Regolament 4 ta' l-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja, in partikolari r-Regolament 4(b), johrog car li l-element determinanti biex jigi stabbilit iz-zmien tat-trasferiment tar-residenza ta' l-applikant huwa dak l-att/atti esterni li jimmanifestaw l-intenzjoni tieghu li jistabilixxi u jzomm ic-centru permanenti jew abitwali ta' l-interessi tieghu hawn Malta, liema att/atti, fil-fehma tat-Tribunal mhux necessarjament ikun id-dhul attwali ta' l-applikant fil-fond residenzjali tieghu hawn Malta.

Fil-fehma tat-Tribunal, meta l-fatti tal-kaz in ezami jigu kkunsidrati fid-dawl ta' dawn id-disposizzjonijiet tal-Ligi jirrizulta li kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrenti z-zmien meta huwa ttrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta ma kienx il-5 ta' Gunju 2010, u cioè meta dahal jabita fil-fond residenzjali tieghu, izda ferm qabel.

Ghalkemm it-Tribunal jirrikonoxxi u jaccetta li d-data tal-5 ta' Mejju 2010 indikata mir-Rikorrenti fl-applikazzjoni tieghu bhala *the date of taking up residence in Malta* x'aktarx tnizlet bi zball, partikolarment meta (i) mid-dokument Dok. "JB2" a fol. 26 sa' 28 tal-process jirrizulta li huwa ttermina l-impjieg tieghu gewwa l-Ingilterra fis-7 ta' Mejju 2010; u (ii) il-biljett ta' l-ajru sottomess lill-Ministeru Intimat jgib id-data tat-12 ta' Mejju 2010[14], ma jistax però jaccetta u jqis il-5 ta' Gunju 2010 bhala d-data meta r-Rikorrenti ttrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta. Fil-fehma tat-Tribunal ir-Rikorrenti ttrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta fil-15 ta' Mejju 2010, ossia fid-data

[14] Vide xhieda Harold Bonnici moghtija waqt is-seduta tas-26 ta' Settembru 2011.

indikata bhala *date of arrival in Malta* fl-applikazzjoni, u huwa iktar probabbli li kienet dik id-data li r-Rikorrenti ried inizzel fil-kazella *date of taking up residence in Malta,* flok id-data tal-5 ta’ Mejju 2010.

Mill-provi prodotti mir-Rikorrenti, u partikolarment mix-xhieda tieghu u ta’ martu Fiona Camilleri Broome, johrog car li fil-15 ta’ Mejju 2010 ir-Rikorrenti flimkien mal-familja tieghu wasal Malta bl-iskop u intenzjoni specifika li minn dakinhar ‘il quddiem jistabilixxi c-centru abitwali ta’ l-interessi tieghu u tal-familja tieghu hawnhekk. Hija din id-data ghalhekk li ghall-finijiet tal-Ligi tirrapprezenta d-data tat-trasferiment tar-residenza tar-Rikorrenti hawn Malta u li ghall-finijiet tar-Regolament 4(b) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 tirrapprezenta d-data li fiha hu ma baqax ikollu r-residenza tieghu barra minn Malta.

Ghalkemm bejn il-15 ta’ Mejju 2010 u l-5 ta’ Gunju 2010, ir-Rikorrenti flimkien mal-familja tieghu alloggja fil-lukanda ta’ Anton Camilleri, missier il-mara tieghu, ma japplikax, lanqas per analogija, il-provvediment fir-Regolament 4(b) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 li *l-kiri ta’ appartament ghal perijodu ta’ anqas minn sena ma jkunx jaghti prova sufficjenti tat-trasferiment tar-residenza abitwali*. Anke jekk huwa minnu li r-Rikorrenti flimkien mal-familja tieghu alloggja fir-Rokna Hotel bejn il-15 ta’ Mejju 2010 u l-5 ta’ Gunju 2010 sakemm setghu effettivament jidhlu fid-dar residenzjali taghhom, it-Tribunal ma ghandux dubju li già f’dak iz-zmien, ossia fil-15 ta’ Mejju 2010, ir-Rikorrenti kellu l-intenzjoni cara u specifika li jistabilixxi r-residenza abitwali tieghu hawn Malta, fejn del resto già kellu n-nukleju familjari tieghu u ta’ martu – partikolarment il-genituri ta’ martu – u fond fejn jirrisjedi ghad illi dan kien temporanejament okkupat minn terzi persuni. Is-semplici fatt li r-Rikorrenti seta’ dam ftit taz-zmien, sbatax-il gurnata bl-ezattezza, biex dahal fil-fond residenzjali tieghu, ma jgibx fix-xejn u ma jannullax l-intenzjoni cara u espressa tieghu li bil-wasla tieghu u tal-familja tieghu hawn Malta huwa ittrasferixxa r-residenza abitwali tieghu mill-Ingilterra ghal hawn hekk.

Stabbilit illi r-Rikorrenti ttrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta qabel il-5 ta' Gunju 2010, u precizament fil-15 ta' Mejju 2010, minnu erronejament indikata bhala l-5 ta' Mejju 2010 fl-applikazzjoni tieghu, jirrizulta li ma jissodisfax ir-rekwizit stipulat fl-Artikolu 19(3)(i) tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta u fir-Regolament 4(b) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01, ghaliex il-vettura Vauxhall Zafira bin-Numru tar-Registrazzjoni CU02 GXV li nxtrat minnu fil-25 ta' Mejju 2008[15], ma kinetx ilha registrata f'ismu u fil-pussess tieghu w uzata minnu barra minn Malta ghal mill-inqas erbgha u ghoxrin xahar konsekuttivi fil-hin tat-trasferiment tar-residenza tieghu lejn Malta u qabel id-data li fiha u ma baqax ikollu r-residenza tieghu barra minn Malta.

Ghalkemm il-vettura waslet Malta fid-29 ta' Mejju 2010, is-sitwazzjoni ma tinbidilx ghaliex ir-rekwiziti ghall-esenzjoni mill-hlas ta' taxxa fuq ir-registrazzjoni tal-vetturi huma marbuta mat-trasferiment tar-residenza u mhux tant mal-wasla tal-vettura hawn Malta.

B'hekk l-appell tar-Rikorrenti mid-decizjoni tal-Ministeru intimat datata 6 ta' Lulju 2010, ma jisthoqqx li jigi milqugh.

In fine t-Tribunal ghal kull buon fini josserva li ma jistax jifhem ghalfejn ir-Rikorrenti jishaq fuq il-fatt li l-fond residenzjali tieghu gewwa l-Ingilterra ghadu proprjetà tieghu ghad li mikri lil terzi, u dana partikolarment meta r-rekwiziti ghall-ezenzjoni ta' hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi huma marbuta mat-trasferiment tar-residenza abitwali ta' l-applikant u r-Regolament 4(b) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 jispecifika li *il-vettura bil-mutur tkun ilha fil-pussess taghha u tkun ilha tuzaha barra minn Malta ghal tal-anqas erbgha u ghoxrin xahar qabel id-data li fiha hu ma baqax ikollu r-residenza tieghu barra minn Malta*.

Jekk l-intenzjoni tar-Rikorrenti hi li jsostni li ghad ghandu r-residenza tieghu l-Ingilterra, tali pretensjoni tista' tkun kontro-producenti ghaliex tista' taghti lok ghas-sitwazzjoni

[15] Dok. "E" a fol. 11 tal-process.

fejn jitqies li ma jissodisfax ir-rekwiziti ghall-ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi proprio minhabba n-nuqqas ta' trasferiment ta' residenza.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell interpost mir-Rikorrenti mid-decizjoni tal-Ministeru intimat datata 6 ta' Lulju 2010. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tar-Rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------